MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Numru. 477/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**NICHOLAS ANTHONY FENECH ta’ 37 sena, iben Emanuel u Antonia nee’ Muscat, imwieled tal-Pieta’ nhar it-13.01.1974, residenti fil-fond numru 302, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 106274M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **NICHOLAS ANTHONY FENECH** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta’ Mejju, 2007 u fis-sitt xhur ta’ qabel:

a. Kellu fil-pussess tieghu medicina perikoluza psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonjiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza , u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li

jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 31 u l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 5 – 6).

Rat li konsegwentement l-Avukat Generali baghat id-debita Kontro Ordni taht l-imsemmija Ligijiet – datata 04.09.2008 (folio 175).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda principali f'din il-kawza in dezamina huma l-ufficjali tal-pulizija li ghamlu t-tfittxija u l-arrest fuq u ta' l-imputat. Kienu anke nvoluti fit-tftittxija li saret fix-xarabank u residenza ta' l-istess imputat.

Ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur Dennis Theuma, xehed dwar informazzjoni kunfidenzjali li kienet irceviet il-pulizija dwar il-fatt illi l-imputat kien qieghed ibiegh id-droga, cannabis u ecstasy, kemm mit-truck kif ukoll mir-residenza tieghu.

Ghalhekk skond ix-xhud, l-imputat gie mwaqqaf minn membri tad-Drug Squad u fuqu nstabu 6 bicciet ta' sustanza kannella allegatament raza tal-cannabis, bott tal-plastic simili ghal dawk li jintuzaw biex jinhaznu l-films li fih kien hemm qratas bi trab abjad, kif ukoll borza tal-plastic b'madwar 20 pillola allegatament ecstasy bil-logo tal-Mickey Mouse. Xehed ukoll illi fuq il-persuna ta' l-imputat instabu zewg ammonti ta' flus, wiehed ta' Lm380.00 u l-iehor ta' Lm390.00, zewg mobiles Nokia u Samsung. Mir-

residenza ta’ l-imputat gew elevati mizien elettroniku tad-ditta Diamond, tliet boroz ohra simili ghal dawk misjuba fuq l-imputat, kull borza kellha 24 pillola bajda bil-logo tal-Mickey Mouse, kif ukoll hames bicciet sustanza kannella allegatament cannabis. Tliet bicciet minn dawn kellhom miktub fuqhom in-numru 60 u kienu ta’ piz anqas minn 24 gramma. Zewg bicciet ohra kellhom in-numru 70 fuqhom. Mill-gwardarobba gew elevati bicciet ta’ foil mahruq, bicciet ta’ karti forma qratas u SIM card – dawn kollha gew fotografati – vide relazzjoni Dok BC, folio 119.

Ezebixxa wkoll l-Ufficjal Prosekutur l-istqarrija ta’ l-imputat bhala Dok NAF a folio 19 u 20.

F’dan ir-rigward xehed ukoll PC 1319 Matthew Xuereb li kien prezenti ghal tfittxijiet gia’ esposti mill-Ufficjal Prosekutur.

L-Ispizjar Mario Mifsud xehed dwar l-analizi tieghu kif rizultanti mir-relazzjoni minnu prezentata Dok MM a folio 41. Huwa kkonkluda:

*1. Li ma nstabux tracci ta’ sustanzi llegali fuq il-mizien elettroniku li kien hemm fid-dokument 494/07/01, fuq it-tliet bicciet ta’ foil u l-erba’ speci ta’ qratas li kien hemm fid-dokument 494/07/04;*

*2. Li nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) fuq is-speci ta’ roach li kien hemm fid-dokument 494/07/05. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) tinstab fil-pjanta tal-cannabis;*

*3. Li l-blokki ta’ sustanza kannella li kien hemm fid-dokumenti 494/07/02 u 494/07/03 rispettivament, f’ammont nett totali ta’ 121.098 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Dawn il-blokki ta’ sustanza kannella kienu raza tal-pjanta tal-cannabis u l-purita’ ta’ dawn ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) kienet ta’ circa 8.9%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*4. Li t-tliet blokki ta' sustanza kannella, li kien hemm fid-dokument 494/07/03, li fuqhom kellhom in-numru sittin kienu ta' piz anqas (piz tat-tliet blokki – 18.744 g. 22.131 g, u 20.487 g) miz-zewg blokki ta' sustanza kannella, li kienu fl-istess dokument, u li fuqhom kellhom in-numru sebghin (piz taz-zewg blokki – 24.044 g u 24.430 g);*

*5. Li l-pilloli bojod li kien hemm fid-dokument 494/07/02 u 494/07/03 rispettivament, f'ammont ta' disgha u tmenin, instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Li fit-trab abjad li kien hemm fil-borza tal-plastic zghira fid-dokument 494/07/02, f'ammont nett totali ta' 0.234 grammi, instabet fih is-sustanza kokaina. Circa 41% ta' dan it-trab abjad kien kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***7.** Li l-prezz totali tad-drogi misjuba huwa ta' Lm703.08 u dan skond il-prezzijiet bl-imnut moghtija fl-2005 National Report – Malta Drug Situation mahrug minn National Focal Point for Drugs and Drug Addiction u n-National Commission on the Abuse of Drugs, Alcohol and other Dependencies.*

WPC 149 Ruth Sammut ukoll xehdet dwar it-tfittxija li saret fuq il-persuna ta' l-imputat u s-sejbien ta' l-oggetti gia' msemmija. L-istess PC 773 Ryan Tonna, apparti ghall-oggetti li nstabu ghand l-imputat, dan xehed ukoll dwar roach li nstabet fix-xarabank ta' l-imputat fejn izomm il-flus. Xehed ukoll dwar is-sejbien ta' materjal allegatament droga li nstab fil-kamra tas-sodda tal-imputat, kif ukoll dwar il-mizien ta' l-ghamla Diamond.

PC 213 Nicholas Borg xehed ukoll dwar it-tfittxija u l-osservazzjoni li saret fuq l-imputat. Anke dan ix-xhud xehed dwar l-oggetti misjuba fuq il-persuna tieghu kif ukoll

fuq l-oggetti misjuba fir-residenza ta’ l-istess imputat. Xehed ukoll dwar ir-roach li nstab fuq ix-xarabank.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta’ Martin Bajada Dok MB senjalament il-messaggi hemm imnizzla.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta’ Joseph Mallia, Dok JM, JM2 dwar is-sejbien ta’ impronti digitali ta’ l-istess imputat fuq l-oggetti elevati mill-pulizija minghand l-imputat kif gie premess.

Giet prezentata wkoll l-istqarrija ta’ l-istess imputat a folio 19. Fiha qal illi hu kien jahdem bhala driver tal-linja – qal illi ghandu truck (xarabank). Ammetta li kemm fuq persuntu, kemm fil-proprjeta’ tieghu kif ukoll fit-truck gew elevati diversi tipi ta’ sustanzi alllegatament droga. Pero ma ammettiex li r-roach misjub fuq it-truck tal-linja kien tieghu in vista’ li qal illi fuq tal-linja jitilghu hafna nies. Qal ukoll illi ma kienx ipejjep joints b’mod regolari.

Rat ukoll illi l-imputat baqa’ ma ressaq ebda prova in difesa, nonostante li kien moghti diversi opportunitajiet ghal dan.

Ikkunsidrat:

Illi certament ic-cirkostanzi li fihom instab l-imputat, cioe’ bid-droga fuqu, mohbija fid-dar jwasslu lill-Qorti ghal konkluzjoni unika li hu kien qieghed jittraffika d-droga ta’ varji speci.

Xejn ma hu veritjier fil-fehma tal-Qorti dak illi qal l-imputat fl-istqarrija tieghu li d-droga misjuba kienet jew ghall-uzu tieghu, fir-rigward tat-tipjip ta’ joint, jew aktar fantastika bhala skuza li sab l-istess mormija barra skip, gewwa l-Fgura.

Premess dan kollu, din il-Qorti ssib lil Nicholas Anthony Fenech hati ta’ l-akkuzi misjuba kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 40A, u 120A tal-Kapitolu 81 tal-Ligijiet ta’ Malta, Taqsima IV u VI tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-

Artikoli 8(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll GN 292.1939;
Rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' tlitt(3) snin u ghal multa ta' €5,000, dan tenut kont anke tal-varjeta' ta' droga minnu ttraffikata bil-facilita' li jaghmel l-istess anke bhala xufier tal-linja.

Tordna wkoll il-konfiska tal-flejjes ezebiti fl-atti, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2,556.42.

Tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzji ta' sewqan ghal sena(1) mill-lum, wara li rat l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti mhix qed tordna l-konfiska tax-xarabank imsemmi, stante li ma ngabet ebda prova tal-vera sid tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------